MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Talba Numru. 427/2014

**Elmo Insurance Limited (C-3500)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Borg Limited**
**u l-istess Joseph Borg Limited (C-2078)**

**vs.**

1. **Awtorità għat-Trasport f'Malta**
2. **Kunsill Lokali Isla**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2014, li permezz tiegħu l-atturi qegħdin jitolbu mingħand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' erba' mija u għoxrin Ewro (€420) premess illi:

> Is-somma ta' erba' mija u għoxrin Ewro (EUR 420) nmitluba f'dan l-avviż tirrappreżenta d-danni kollha sofferti mis-soċjetà attriċi Joseph

Borg Limited, assigurat tas-soċjetà Elmo Insurance Limited u li għalihom għamlu tajjeb in kwantu għall-ammont ta' tliet mija u sebgħin ewro (EUR370) s-soċjetà attriċi Elmo Insurance Limited u in kwantu għall-ammont ta' ħamsin ewro (EUR 50), l-istess Joseph Borg Limited, bħala riżultat ta' inċident li seħħ fi Triq it-Tarzna, l-Isla, fit-22 ta' Marzu 2012 'Dok A' meta waqt li Christopher John Cachia kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBU 206, proprjetà tas-soċjetà attriċi Joseph Borg Limited, saq għal fuq pjanċa tal-ħadid illi kienet qed tgħatti ħofra illi kienet tinsab fl-imsemmija triq, għal liema triq il-konvenuti – jew min minnhom – kienu responsabbli għall-manutenzjoni tagħha.

Għaldaqstant, il-konvenuti Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Kunsill Lokali Isla – jew min minnhom- kienu responsabbli għall-imsemmi inċident u għal konsegwenzjali danni bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u imperizja.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar 2014 u bl-imgħax legali b'effett mis-6 ta' Jannar 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, li huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta**, ippreżentata fl-10 ta' Ottubru 2014 fejn eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-Awtorità intimata mhijiex il-leġittima kontradittriċi stante li t-triq fejn seħħ l-allegat inċident ma taqax taħt il-kompetenza tal-awtorità intimata;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità intimata tirrispinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jinkombi fuq is-soċjetajiet rikorrenti li jagħmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jiġu kkontestati.

   Salv eċċezzjonijiet oħra.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-Kunsill Lokali tal-Isla konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-

kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi fil-konfront tal-Kunsill Lokali Isla u l-fatt li dan naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tat-28 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ammont pretiż mill-atturi ġie suffiċjentement ippruvat permezz tal-irċevuti relattivi li jikkombaċaw mal-ħsara li ġarrbet il-vettura mertu tal-inċident.

Ikkunsidra wkoll illi r-responsabilita għall-akkadut m'hijiex tas-soċjeta` Joseph Borg Limited, jew tax-xufier tal-vettura jew tas-soċjeta` assikuratriċi iżda ta' min jirriżulta li huwa responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb tat-triq partikolari fejn seħħ l-inċident.

Sema' lix-**xufier** tal-vettura Christopher Cachia fejn ikkonferma illi l-ħsara seħħet meta kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBU 206 ħiereġ mill-Isla, fid-direzzjoni tal-maċina, sewwasew fi Triq it-Tarzna.

Sema' lis-Sur Pio Farrugia, rappreżentant tad-**Direttur tal-Gvern Lokali**, jixhed fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2014, fejn dana spjega illi l-post fejn seħħ l-akkadut u cioe Triq it-Tarzna u Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu huma fir-responsabilita tal-Kunsill Lokali tal-Isla.

Fl-istess udjenza sema' wkoll lil Nicholas Baldacchino, rappreżentant tal-**Awtorita għat-Trasport f'Malta** konvenuta, fejn dana spjega li l-Awtorita` hija responsabbli għaż-żamma tajba tat-toroq prinċiparjament dawk arterjali u distributorji. It-triq fejn seħħ l-inċident ma tikkwalifikax bħala triq arterjali jew distributorja u dana a bażi tal-Pjan ta' Struttura maħruġ mill-Awtorita`  ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Huwa kkonferma li t-triq taqa' taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali Isla.

Ra illi dawn ix-xhieda ma ġew bl-ebda mod kontradetti.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-Kunsill Lokali Isla, jilqa' wkoll l-l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u filwaqt illi jillibera lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta mill-osservanza tal-ġudizzju qiegħed konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill Lokali Isla sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u għoxrin Ewro (€420.00), flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-Kunsill Lokali Isla.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------